MINUTI

GVERN LOKALI TA' XBIEX

IS-SITT LEĠISLATURA 2008 - 2011

SEDUTA NUMRU 23 - *AĠĠORNAMENT*

IT-TLIETA 22 TA' ĠUNJU 2010 FIL-5.30 TA' WARA NOFS-IN-NHAR

PREŻENTI

| | |
|---|---|
| ANTOINETTE VASSALLO | SINDKU |
| ANTHONY FARRUGIA | VIĊI SINDKU |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |

TALBA

IS-SINDKU QALET IT-TALBA

## I KOMMUNIKAZZJONI MILL-KUNSILLIERA

i Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti ġibed l-attenzjoni li l-bankijiet tax-Xatt għandhom bżonn tal-manutenzjoni. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u ġie deċiż li jekk hu possibbli dawn jinżebgħu b'żebgħa apposta għall-injam li jkun espost għal elementi.

ii Il-Viċi Sindku A. Farrugia u l-Kunsillieri A. Cachia Castelletti, E. Muscat u F. Roe ressqu diversi lmenti/suġġerimenti li ttieħdet nota tagħhom biex tittieħed azzjoni neċessarja.

iii Il-Kunsillier E. Muscat ġibed l-attenzjoni li hawn diversi toroq li m'għandhomx isem. Huwa ppropona li t-triq li hemm ħdejn Triq il-Watar tissemma' Triq l-Insieġ biex tiġi taqbel mat-toroq l-oħrat al-madwar. Il-Viċi Sindku ssekonda din il-proposta. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. Dwar it-toroq l-oħra s-Sindku ħadet l-inkarigu li titkellem ma' l-Istreet Naming Committee peress li jkomplu ma toroq oħra li diġa' għandhom isem.

iv Is-Sindku nfurmat li d-data tal-ġurnata f'Catania kellha terġa' tinbidel. Hija qalet li din se ssir fil-31 ta' Lulju 2010.

v Il-Kunsillier E. Muscat irrapporta li hemm bżonn isir manutenzjoni tat-Triq ix-Xatt fejn hemm biċċa kbira mħarbta. Il-Kunsill approva li ssir sejħa għall-offerti għal dawn ix-xogħlijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kitbet lit-TM dwar il-parti tat-triq li sfrundat fi Triq Testaferrata, Abate Rigord u anke ix-Xatt.

vi Is-Sindku ppreżentat ir-rapport li għamel l-Econing dwar sustainable energy. Hija qalet li dan se jiġi ppreżentat fil-laqgħa li se ssir Bergolo, l-Italia dan ix-xahar u li hi ġiet mistiedna tattendi mill-AKL. Il-Kunsill ġie nfurmat li l-ispejjes tal-biljetti ta' l-ajru u l-akkomodazzjoni se jiġu ffinanjati mill-Ewropa.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

## I KOMMUNIKAZZJONI MILL-KUNSILLIERA (jkompli...)

vii Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti rrefera għat-talba ta' grupp ta' żgħażagħ biex iwaqqfu kumitat tal-futbol ta' Ta' Xbiex. Huwa nforma li kellem lis-Sur A. Cristiano dwar din il-materja u dan interessat. Ġie deċiż li ssir laqgħa bejn il-partijiet fil-Kunsill.

viii Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti qal li fix-Xatt ir-RMYC komplew bl-iżvilupp minkejja li għad m'hemmx permess. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li hija nfurmat lill-MEPA dwar dan u saret spezzjoni mill-enforcement officer. Hija ħadet l-inkarigu li terġa' tindaga dwar il-każ. Il-Kunsillier Cachia Castelletti staqsa wkoll dawn kienux għamlu l-pagament tal-containers li kellhom fix-Xatt. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s'issa għadhom ma sarux. Is-Sindku nfurmat li dwar dan kienet saret laqgħa u li ghalija kien attenda wkoll il-Kunsillier Cachia Castelletti. Hija qalet li fil-laqgħa kien qam argument u ma sar l-ebda ftehim peress li s-Sur Bonello Dupuis kien telaq il-barra għax ħassu urtat.

**ix** Il-Kunsill iddiskuta l-klassijiet tas-sajf għat-tfal. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-MICS għamel xi proposti għal-lezzjonijiet tal-computer. Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti qal li t-tifel tas-Sur. Cristiano jagħmel dawn il-lezzjonijiet u l-Kunsill jista' jagħmel arranġamenti diretti mieghu. Is-Sindku ħadet l-inkarigu li tkellmu dwar dan.

**x** Is-Sindku nfurmat li s-Sur Clayton Azzopardi, li ħa l-gabbana tal-ġelat tax-Xatt, talab permess lil Kunsill biex jarma ftit imwejjed u siġġijiet għall-festi ta' l-Imsida u l-Gżira. Huwa talab ukoll il-permess li jpoġġi żewġ fridges fl-art għal-istess perjodu. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u approva li dawn jitpoġġew hemm temporanjament skond il-perjodu rikjest u hekk kif jistipula l-Avviż Legali. Il-Kunsill qabel ukoll li dan jingħata skont hekk kif kien ingħata dak li kien hemm armat qabel.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

II KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV

i Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għaċ-ċirkulari li ntgħatet dwar il-proġett ta' l-istorm water. Hija qalet li d-dokumenti tal-EIA li bgħatu l-MEPA qegħdin fil-*customer care* għad-dispożizzjoi tal-pubbiku.

ii Ġie ppreżentat il-*quarterely financial report*. Is-Sindku pproponiet li dawn jiġu approvati. Il-Kunsillier E. Muscat issekonda. Dawn ġew approvati unanimament.

iii Il-Kunsill iddiskuta Memo 73 dwar Inizjattiva Premju Lokalitajiet Indaf. Is-Sindku pproponiet li dwar din il-materja ssir laqgħa *ad hoc* u sadanittant il-Kunsillieri jgħaddu l-proposti tagħhom lis-Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill qabel ma dan u ġie deċiż li l-laqgħa ssir nhar it-Tnejn 28 ta' Ġunju fis-6.00pm.

iv Ġiet ippreżentata l-kwotazzjoni tal-bins biex jitpoġġew bins żgħar madwar il-Lokalita'. Il-Kunsill approva li dawn jinxtraw.

v Is-Segretarju Eżekuttiv qrat il-Management Letter għas-Sena Finanzjarja 2009.

III APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI

i Il-Kunsill approva l-pagamenti skond l-iskeda li ġiet iċċirkulata minn qabel lill-Kunsillieri.

Il-laqgħa spiċċat fid-9.45pm. u sar aġġornament għal nhar it-Tnejn 28 ta' Ġunju 2010 fil-5.30pm

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv